MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2012

Numru. 1340/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**

**KONTRA**

**TRISTAN FALZON ta’ 30 sena, iben Carmelo u Georgina nee’ Spiteri, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-23.07.1982, residenti fil-fond 62, Triq 23 ta’ April, Qormi, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 0402382M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **TRISTAN FALZON** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-28 ta' Ottubru, 2007 ghall-habta tal-hdax ta' fil-ghaxija, ikkommetta serq minn fuq il-persuna ta' Guzeppi Mangion, anzjan ta' sebgha u tmenin sena, minn gewwa r-residenza tieghu numru 26, Triq il-Kanun, Qormi, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-lok;

2. U aktar talli bejn Gunju 2007 u Lulju 2007 ikkommetta serq minn fuq il-persuna ta' Guzeppi Mangion, anzjan ta' sebgha u tmenin sena, minn gewwa r-residenza tieghu numru 26, Triq il-Kanun, Qormi, liema serq huwa aggravat bil-lok;

3. U fl-ahhar nett talli sar recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu, kif ukoll talli wettaq reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Rat li fl-interrogatorju l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

Rat ukoll il-kunsens ta' l-Avukat Generali, kif ukoll li aktar tard l-imputat irregistra li ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza suppost inbdiet fuq rapport li sar minn certu Mary Caruana - gara tal-mejjet derubat. Pero meta l-istess Mary Caruana telghet tixhed, ma ftakret xejn minn dan kollu, hlief fil-fatt li gie misruq lilha portmony u fuq daqshekk qalet fix-xhieda taghha li ghamlet rapport l-ghassa. Mistoqsija kinitx taf lill-imputat, wiegbet fin-negattiv. Mistoqsija kinitx taf lid-derubat mertu ta' l-akkuza, wiegbet li kien gar taghha pero ma kinitx tafu sew. Ma ftakritx xi ncident li seta' gralu dan li wasslu ghall-akkuzi in dezamina.

Gie fil-fatt prezentat ukoll rapport (PIRS) a folio 11 et seq li fil-fatt jindika li l-istess xhud kienet ressqet tali lment tas-serqa tal-mejjet Guzeppi Mangion mal-pulizija.

Ta’ dan hi ma ftakret xejn.

Xehed ukoll certu Etienne Schembri. Qal illi ma kienx jaf lill-imputat. Qal illi fuq is-serqa tal-mejjet zijuh kien jaf b’dak li sema’ minghand il-familjari tieghu u li ma kienx jaf lill-imputat.

PS 430 Andrew St John xehed illi fuq ir-rapport imsemmi hawn fuq, stante li Guzeppi Mangion kien bed ridden, marru jkellmuh gol-garaxx fejn kien jghix. Qal illi kien Tristan li kien aljenah u hadlu l-wallet tal-flus li kien izomm fil-but tal-pyjama. Gharaf lil Tristan Falzon minn set ta’ ritratti li gie muri dan ix-xih.

Minn naha tieghu l-imputat irrilaxxa zewg stqarrijiet. F’wahda, kif kien drittu, ghazel illi ma jwegibx. Fl-ohra qal illi kien jaf lill-mejjet derubat ghax zitu Francine ghamlet zmien tiehu hsiebu. Qal illi mar jarah u ftit wara mar bniedem iehor, certu Etienne, li wara ghoxrin minuta qallu biex jitlaq ghax ried isakkar il-bieb ta’ Guzeppi. Qal illi hu telaq u halla lil Etienne ghand Guzeppi. Qal illi hu qatt ma ra kartiera ghand Guzeppi. Innega li hu seraq lil dan Guzeppi. Ammetta li kien jaf li dan kellu hafna flus. Kulhadd kien jaf  b’dan. Dawn l-istqarrijiet iridu jittiehdu in konsiderazzjoni fid-dawl tas-sentenzi tal-Qrati taghna, u dawk tal-Qorti Ewropea.

Ikkunsidrat:

Illi frankament din il-Qorti xejn m’ghandha x’izzid ma’ dak hawn espost. Certament ftit jew xejn hemm provi li jwasslu sal-grad li trid il-Ligi li jwasslu ghall-htija ta’ l-imputat – ghaldaqstant qieghed jigi liberat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------